Magistrat Dr. Dennis Montebello BA. LL.D.

Illum, 21 ta' Frar 2001.

Avviz Nru: 319/00

Francis u Carmen konjugi Mifsud

Vs

Charles Falzon

Il-Qorti;

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mitt lira Maltin (Lm500) bhala danni li sofrew l-atturi meta fil-B'Kara By Pass fil-25 ta' Jannar 2000, huwa li kien qed isuq vettura numru EBD-834, laqat il-vettura propjeta' tal-atturi numru CAA-592, meta din kienet qed iddur ma' round about, u dana prevja dikjarazzjoni li dik il-kollizzjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra legali datata 3 ta' Frar 2000 u dawk ta' l-ittra ufficjali datata 16 ta' Frar 2000, u bl-imghax legali. B'hekk il-konvenut huwa mharrek ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijietipprezentata mill-konvenut fejn kien eccepixxa:-

(1) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess atturi, billi l-kollizzjoni in kwistjoni ma saritx b'tort tal-eccipjenti, izda b'tort ta' l-attur Francis Mifsud, minhabba negligenza, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku kif jigi pruvat waqt it-

trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk l-eccipjenti ma hux responsabbli ghall-ebda hlas ta' danni.

(2) Fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghal premess, id-danni reklamati huma esagerati;

(3) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-lum fejn d-difensur tal-konvenut irtira l-eccezzjonijiet minnu sollevati u pprezenta u qara nota ta' ammissjoni, u ghaldaqstant fuq ammissjoni t-talba attrici tirrizulta gustifikata u konfermata u l-Qorti qieghda tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma mitluba ta' hames mitt lira (Lm500) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz. U dana wara illi l-Qorti qieghda tiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni grat unikament minhabba negligenza, imperizja u inosservanza tar-regolament da parti tal-konvenut.

Bl-imghax legali b'effett mil-lum.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

S.Farrugia Magistrat
Dep/Reg